32004R0316

L 55/16 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA* 24.2.2004

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 316/2004

ta' l-20 ta' Frar 2004

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 753/2002 li jistabbilixxi ċerti regoli sabiex jiġi applikat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1493/1999 dwar id-deskrizzjoni, id-denominazzjoni, il-presentazzjoni u l-protezzjoni ta' ċerti prodotti tas-settur ta' l-inbid

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1493/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq ta' l-inbid ([1]), u partikolarment l-Artikoli 53 u 80(b) tiegħu,

Billi:

(1) Wara li r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 753/2002 ([2]) kien addottat instab li fih żbalji tekniċi, li għandhom jiġu kkoreġuti. Għal raġunijiet ta' ċarezza u konsistenza, xi dispożizzjonijiet tar-Regolament għandhom jiġu rranġati wkoll.

(2) Ir-Regolament (KE) Nru 753/2002 kien notifikat lill-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ. Numru ta' pajjiżi terzi li jipproduċu l-inbid kellhom riservi dwar it-test. Fid-dawl ta' dawk il-kummenti, saru żewġ konsultazzjonijiet f'Ġinevra sabiex jispjegaw ir-regoli ġodda dwar l-ittikkettjar u sabiex jisimgħu l-interessi ta' pajjiżi terzi.

(3) Wara li kkunsidrat il-pretensjonijiet tal-pajjiżi terzi, xi tibdil għandhom isiru għar-Regolament (KE) Nru 753/2002. Dawn jinvolvu l-użu ta' ċerti termini tradizzjonali għal pajjiżi terzi bil-kondizzjoni li jaderixxu għal kondizzjonijiet ekwivalenti għal dawk imposti fuq l-Istati Membri. Barra dan, peress li ħafna pajjiżi terzi m'għandhomx l-istess livell ta' regolamenti ċentralizzati bħall-Komunità, xi ħtiġijiet għandhom ikunu emendati filwaqt li fl-istess ħin jiġu assigurati l-istess garanziji għan-natura vinkolanti ta' dawk ir-regoli.

(4) Peress li huwa impossibbli li tiġi ffinalizzata l-proċedura ta' l-addozzjoni għal din il-miżura qabel l-1 ta' Frar 2004, il-limitu ta' żmien stabbilit fl-Artikolu 47 għandu jkun estiż sal-15 ta' Marzu 2004.

(5) Ir-Regolament (KE) Nru 753/2002 għandu jigi emendat skond ma ntqal hawn fuq.

(6) Il-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Inbid ma tax opinjoni fil-limitu ta' żmien stabbilit mill-president tiegħu,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

L-Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 753/2002 huwa hawnhekk emendat kif ġej:

1. fl-Artikolu 5(1) it-tieni subparagrafu huwa mibdul b'dan li ġej:

   "Barra dan, l-Istati Membri konċernati jistgħu jassiguraw derogi ad hoc għal ċerti nbejjed ta' kwalità psr u nbejjed ifexfxu ta' kwalità psr kif imsemmija fl-Artikolu 29 li għamlu perjodu twil fil-fliexken qabel inbiegħu, bil-kondizzjoni li jistabbilixxu ħtiġijiet ta' kontroll u regoli għaċ-ċirkulazzjoni għal dawk il-prodotti.

   L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar il-ħtiġijiet ta' kontroll li stabbilew.";

2. fl-Artikolu 9, paragrafi 4 u 5 huma mħassra;

3. L-Artikolu 12(1)(b) huwa mibdul b'dan li ġej:

   "(b) Termini li m'humiex definiti fir-regoli tal-Komunità iżda li l-użu tagħhom huwa regolat fl-Istati Membri jew huwa skond ir-regoli applikabbli għall-produtturi ta' l-inbid fil-pajjiżi terzi konċernati, inklużi dawk li ħarġu minn organizzazzjonijiet rappreżentattivi tal-kummerċ, bil-kondizzjoni li jiġu notifikati lill-Kummissjoni, li għandha tieħu l-passi kollha approprjati sabiex tassigura li dawn it-termini jkunu rreklamati.";

4. L-Artikolu 24 huwa emendat kif ġej:

   (a) fil-paragrafu 5, il-frażi introduttorja hija mibdula b'dan li ġej:

   "Biex tikkwalifika għall-inklużjoni fl-Anness III, terminu tradizzjonali għandu:"

   (b) il-paragrafu 6 huwa mħassar;

   (ċ) il-paragrafu 8 huwa mħassar;

5. it-tielet paragrafu ta' l-Artikolu 28 huwa mibdul b'dan li ġej:

   "Madankollu, ir-regoli msemmija fit-tieni paragrafu jistgħu jippermettu t-terminu '...' (denominazzjoni tradizzjonali) li għandha tintuża flimkien ma' '...' (retsina) mingħajr ma tkun neċessarjament użata flimkien ma' indikazzjoni ġeografika speċifika.";

([1]) ĠU L 179, ta' l-14.7.1999, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1795/2003 (ĠU L 262, ta' l-14.10.2003, p. 13.)

([2]) ĠU L 118, ta' l-4.5.2002, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 1205/2003 (ĠU L 168 tal-5.7.2003, p. 13.)

6. l-Artikolu 29 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1(d) huwa mibdul b'dan li ġej:

"(d) Spanja:

— 'Denominación de origen', 'Denominación de origen calificada', 'D.O.', 'D.O.Ca', 'vino de calidad con indicación geográfica', 'vino de pago' u 'vino de pago calificado';

Madankollu, dawn it-termini għandhom jidhru fuq it-tabella immedjatament taħt l-isem tar-reġjun speċifiku;

— 'vino generoso', 'vino generoso de licor', 'vino dulce natural';";

(b) l-aħħar inċiż tal-paragrafu 1(h) huwa mibdul b'dan li ġej:

"— 'Districtus Controllatus' jew 'DAC'"

(ċ) Il-paragrafu 2(c) huwa mibdul b'dan li ġej:

"(ċ) Spanja:

— 'Denominación de origen' u 'Denominación de origen calificada'; 'D.O.', 'D.O.Ca', 'vino de calidad con indicación geográfica', 'vino de pago' u 'vino de pago calificado';

Madankollu, dawn it-termini għandhom jidhru fuq it-tabella immedjatament taħt l-isem tar-reġjun speċifiku;";

7. l-Artikolu 31 huwa emendat kif ġej:

(a) f'punt (b) tat-tieni subparagrafu tal-paragrafu 3 "31 ta' Awissu 2003" hija mibdula b' "31 ta'Awissu 2005";

(b) fit-tielet subparagrafu tal-paragrafu 3 "31 ta' Awissu 2003" hija mibdula b' "31 ta' Awissu 2005";

8. l-Artikolu 34 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:

(i) fl-ewwel subparagrafu, punt (a) huwa mibdul b'dan li ġej:

"(a) L-isem, l-indirizz u x-xogħol tal-persuna jew persuni involuti fil-*marketing*, sakemm il-kondizzjonijiet ta' l-użu jkunu skond ir-regoli applikabbli għall-produtturi ta' l-inbid fil-pajjiżi terzi konċernati, inklużi dawk li ħarġu mill-organizzazzjonijiet rappresentattivi tal-kummerċ;"

(ii) fl-ewwel subparagrafu, punt (ċ) huwa mibdul b'dan li ġej:

"(ċ) kulur speċifiku, sakemm il-kondizzjonijiet ta' l-użu jkunu skond ir-regoli applikabbli għal produtturi ta' l-inbid fil-pajjiżi terzi konċernati, inklużi dawk li ħarġu mill-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tal-kummerċ;";

(iii) it-tieni subparagrafu huwa mibdul b'dan li ġej:

"Fil-każ ta' nbid likur, nbid kemmkemm ifexfex, nbid spumanti kemmkemm ifexfex (bil-gass) u prodotti ta' titolu II magħmula f'pajjiżi terzi, l-indikazzjoni msemmija f'punt (b) ta' l-ewwel subparagrafu jistgħu jintużaw sakemm il-kondizzjonijiet ta' l-użu jkunu skond ir-regoli applikabbli għall-produtturi ta' l-inbid fil-pajjiżi terzi konċernati, inklużi dawk li ħarġu mill-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tal-kummerċ.";

(b) il-paragrafu li ġej huwa miżjud:

"3. B'deroga mill-paragrafi 1 sa 3 ta' l-Artikolu 9, ċerti tipi ta' fliexken imniżżla fl-Anness I jistgħu jiġu użati għall-presentazzjoni ta' nbid oriġinat f'pajjiżi terzi, bil-kondizzjoni li:

(a) dawk il-pajjiżi ressqu talba raġġunata lill-Kummissjoni, u

(b) ġew sodifatti l-ħtiġijiet kkunsidrati bħala ekwivalenti għal dawk stabbiliti fil-paragrafi 2 u 3 ta' l-Artikolu 9.

Il-pajjiżi terzi awtorizzati biex jużaw kull tip ta' flixkun huma mniżżla fl-Anness I, flimkien mar-regoli dwar l-użu tagħhom.

Xi tipi ta' fliexken tradizzjonalment użati f'pajjiżi terzi imma li m'humiex inklużi fl-Anness I jistgħu jikkwalifikaw għall-protezzjoni msemmija f'dan l-Artikolu għal dak it-tip ta' flixkun, jekk arranġamenti reċiproki japplikaw, bil-għan li jkun hemm *marketing* tagħhom fil-Komunità.

L-ewwel subparagrafu għandu jkun implimentat bi ftehim mal-pajjiżi terzi konċernati, konkluż skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 133 tat-Trattat.";

(ċ) il-paragrafu 4 li ġej huwa miżjud:

"4. L-Artikolu 37(1) għandu japplika *mutatis mutandis* għall-most ta' l-għeneb fil-fermentazzjoni ntiż għall-konsum uman dirett b'indikazzjoni ġeografika u nbid ta' għeneb li huwa misjur iżżejjed b'indikazzjoni ġeografika.";

(d) il-paragrafu 5 li ġej huwa miżjud:

"5. L-Artikoli 2, 3, 4, 6, 7(c), 8, 12 u 14(1)(a), (b) u (ċ) għandhom japplikaw *mutatis mutandis*.";

9. L-Artikolu 36 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 3, it-tielet subparagrafu huwa mħassar;

(b) il-paragrafi 4 u 5 huma mibdula b'dan li ġej:

"4. L-indikazzjonijiet ġeografiċi imsemmija fil-paragrafi 1, 2 u 3 ma jistgħux jintużaw jekk, għalkemm litteralment huma veri għat-territorju, ir-reġjun jew il-lokalità li minnhom toriġina l-merkanzija, jindikaw b'mod falz lill-pubbliku li l-merkanzija toriġina minn territorju ieħor.

5. Indikazzjoni ġeografika ta' pajjiż terz, kif imsejjħa fil-paragrafi 1 u 2, jistgħu jiġu użati fl-ittikkettjar ta' nbid importat anke fejn 85 % biss ta' l-inbid in kwistjoni kien miksub minn għeneb maħsud fiż-żona tal-produzzjoni li ġġib ismu.";

10. L-Artikolu 37 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:

(i) il-frażi introduttorja hija mibdula b'dan li ġej:

"1. Għall-iskopijiet ta' l-Anness VII(B)(2) tar-Regolament (KE) Nru 1493/1999, l-ittikkettjar ta' nbid li oriġina minn pajjiżi terzi (eskluż nbejjed ifexfxu, nbejjed spumanti ifexfxu u nbejjed spumanti kemmkemm ifexfxu iżda inkluż nbejjed ta' għeneb misjur iżżejjed) u most ta' l-għeneb fil-fermentazzjoni magħmul f'pajjiżi terzi għall-konsum uman dirett, li juru indikazzjoni ġeografika skond l-Artikolu 36, jista' jkun issuplimentat b'dawn li ġejjin:"

(ii) punt (a) huwa mibdul b'dan li ġej:

"(a) is-sena tal-qtigħ u l-għasir; din tista' tintuża sakemm il-kondizzjonijiet ta' l-użu huma skond ir-regoli applikabbli għall-produtturi ta' l-inbid fil-pajjiżi terzi konċernati, inklużi dawk li ħarġu mill-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tal-kummerċ, u fejn mill-inqas 85 % ta' l-għeneb użat biex isir l-inbid, mhux inkluża l-kwantità ta' prodotti użati f'xi *sweetening*, kien maħsud fis-sena konċernata.

Għal inbid tradizzjonalment miksub minn għeneb maħsud fix-xitwa, għandha tiġi ndikata s-sena tal-bidu tas-sena kurrenti tal-*marketing* iktar milli s-sena tal-qtigħ u l-għasir.";

(iii) punt (b)(i) huwa mibdul b'dan li ġej:

"(i) il-kondizzjonijiet ta' użu skond ir-regoli applikabbli għal produtturi ta' l-inbid fil-pajjiżi terzi konċernati, inklużi dawk li ħarġu mill-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tal-kummerċ;"

(iv) punti (d), (e) u (f) huma mibdula b'dan li ġej:

"(d) dettalji dwar il-metodu tal-produzzjoni, sakemm il-kondizzjonijiet ta' użu huma skond ir-regoli applikabbli għal produtturi ta' l-inbid fil-pajjiżi terzi konċernati, inklużi dawk li ħarġu mill-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tal-kummerċ;

(e) fil-każ ta' inbejjed ta' pajjiżi terzi u most ta' l-għeneb fil-fermentazzjoni għall-konsum dirett minn pajjiżi terzi, indikazzjonijiet tradizzjonali addizzjonali:

(i) Barra dawk imniżżla fl-Anness III, skond ir-regoli applikabbli għal produtturi ta' l-inbid fil-pajjiżi terzi konċernati, inklużi dawk li ħarġu mill-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tal-kummerċ; u

(ii) imniżżla fl-Anness III, sakemm il-kondizzjonijiet ta' użu huma skond ir-regoli applikabbli għal produtturi ta' l-inbid fil-pajjiżi terzi konċernati, inklużi dawk li ħarġu mill-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tal-kummerċ, u jissodisfaw il-ħtiġijiet li ġejjin:

— dawn il-pajjiżi għamlu talba raġunata lill-Kummissjoni u ressqu r-regoli relevanti li jiġġustifikaw ir-rikonoxximent ta' l-indikazzjonijiet tradizzjonali,

— huma speċifiċi fihom infushom,

— huma distinti biżżejjed u/jew igawdu reputazzjoni stabbilita fil-pajjiżi terzi konċernati,

— kienu tradizzjonalment użati fil-pajjiżi terzi in kwistjoni għal mill-inqas 10 snin,

— huma użati għal kategorija jew iktar ta' nbid tal-pajjiż terz in kwistjoni,

— ir-regoli stabbiliti mill-pajjiż terz m'humiex ta' natura li jqarrqu bil-konsumaturi dwar l-indikazzjoni konċernata.

Barra dan, xi indikazzjonijiet tradizzjonali mniżżla fl-Anness III jistgħu jintużaw fl-ittikkettjar ta' nbejjed li jġorru indikazzjoni ġeografika u li oriġinaw f'pajjiżi terzi fil-lingwa tal-pajjiż ta' oriġini terz jew f'xi lingwa oħra, fejn l-użu ta' lingwa barra dik uffiċjali tal-pajjiż hija kkunsidrata bħala tradizzjonali dwar indikazzjoni tradizzjonali jekk l-użu ta' dik il-lingwa hija assigurata fil-leġislazzjoni tal-pajjiż konċernat u jekk dik il-lingwa kienet użata kontinwament għall-indikazzjoni tradizzjonali għal mill-inqas 25 sena.

L-Artikolu 23 u paragrafu 2, paragrafu 3, it-tieni subparagrafu tal-paragrafu 4 u paragrafu 6(ċ) ta' l-Artikolu 24 għandhom japplikaw *mutatis mutandis*.

Għal kull indikazzjoni tradizzjonali msemmija f'punt (ii) il-pajjiżi konċernati huma indikati fl-Anness III.

(f) l-isem ta' impriża, sakemm il-kondizzjonijiet ta' użu huma skond ir-regoli applikabbli għal produtturi ta' l-inbid fil-pajjiżi terzi konċernati, inklużi dawk li ħarġu mill-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tal-kummerċ. L-Artikolu 25(1) għandu japplika *mutatis mutandis*."

(v) F'punt (g), il-frażi introduttorja hija mibdula b'dan li ġej:

"informazzjoni dwar l-ibbottilljar, sakemm il-kondizzjonijiet ta' użu huma skond ir-regoli applikabbli għal produtturi ta' l-inbid fil-pajjiżi terzi konċernati, inklużi dawk li ħarġu mill-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tal-kummerċ;";

(b) il-paragrafu 3 huwa mħassar;

11. fit-Titolu V, l-Artikoli 37a u 37b li ġejjin huma miżjuda:

"L-Artikolu 37a

'Organizzazzjonijiet rappreżentattivi tal-kummerċ' tfisser kull organizzazzjoni tal-produtturi jew assoċjazzjoni ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi li addottat l-istess regoli, joperaw f'żona speċifikata tat-tkabbir ta' l-inbid fejn tinkludi mill-inqas żewġ terzi tal-produturi f'reġjun speċifiku li fih topera u tkopri għal mill-inqas żewġ terzi tal-produzzjoni ta' dak ir-reġjun.

Il-pajjiżi terzi konċernati għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bil-quddiem fuq ir-regoli msemmija fl-Artikoli 12(1), 34(1)u 37(1). Il-pajjiżi terzi għandhom jagħtu wkoll lista ta' l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tal-kummerċ lill-Kummissjoni, b'dettalji tal-membri tagħhom, kif stabbilit fl-Anness IX.

Il-Kummissjoni għandha tieħu l-passi kollha approprjati sabiex tassigura li dawn il-miżuri jiġu rreklamati."

"L-Artikolu 37b

Nbid likur, nbid kemm kemm ifexfex, nbid spumanti kemm kemm ifexfex, nbid ifexfex

1. Għall-iskopijiet ta' l-Anness VII(A)(4) tar-Regolament (KE) Nru 1493/1999, barra d-dettalji obbligatorji msemmija f'A(1) ta' dak l-Anness, l-ittikkettjar ta' nbid likur, nbid kemmkemm ifexfex u inbid spumanti kemmkemm ifexfex għandha tinkludi l-importatur jew, fil-każ li l-inbid kien bottiljat fil-Komunità, min jibbottilja.

Fil-każ tad-dettalji msemmija fl-ewwel subparagrafu, l-Artikolu 34(1)(a) għandu japplika *mutatis mutandis* għall-prodotti magħmula f'pajjiżi terzi.

L-Artikolu 38(2) għandu japplika *mutatis mutandis*.

2. B'deroga mill-Anness VII(C)(3) tar-Regolament (KE) Nru 1493/1999, nbid ta' pajjiżi terzi jista' juri t-termini 'nbid likur', 'nbid kemmkemm ifexfex' jew 'nbid spumanti kemmkemm ifexfex' jekk jissodisfaw il-ħtiġijiet stabbiliti f'punti (d), (g) and (h) rispettivament ta' l-Anness XI tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 883/2001 (*).

3. Nbejjed ifexfxu oriġinati minn pajjiż terz, kif imsemmija fit-tielet inċiż ta' l-Anness VIII(E)(1) tar-Regolament (KEE) Nru 1493/1999, għandhom ikunu kif imniżżla fl-Anness VIII ta' dan ir-Regolament.

(*) ĠU L 128, ta' l-10.5.2001, p.1.";

12. L-Artikolu 38(1) huwa mibdul b'dan li ġej:

"1. Għall-iskopijiet ta' l-Anness VII(A)(4) tar-Regolament (KE) Nru 1493/1999, l-ittikkettjar ta' nbejjed likuri, nbejjed kemmkemm ifexfxu u nbejjed spumanti kemmkemm ifexfxu għandhom jinkludu, barra d-dettalji obbligatorji msemmija f'A(1) ta' dak l-Anness, l-isem jew l-isem tan-negozju u d-distrett amministrattiv lokali ta' l-Istat Membru ta' min jibbottilja jew, għal kontenturi b'volum nominali ta' iktar minn 60 litru, min jikkonsenja. Fil-każ ta' nbejjed kemmkemm ifexfxu, l-isem ta' min jibbottilja jista' jkun mibdul b'dak tal-produttur ta' l-inbid.

Fil-każ tad-dettalji msemmija fl-ewwel subparagrafu, l-Artikolu 15 għandu japplika *mutatis mutandis* għal prodotti magħmula fil-Komunità.";

13. L-Artikolu 40 huwa mħassar;

14. L-Artikolu 44 huwa mħassar;

15. L-Artikolu 46 huwa mibdul b'dan li ġej:

"L-Artikolu 46

Varjetajiet ta' dwieli 'Pinot'

Fil-każ ta' nbejjed ifexfxu, nbejjed ifexfxu ta' kwalità jew nbejjed ifexfxu ta' kwalità psr, l-ismijiet tal-varjetà użati biex jissupplimentaw id-deskrizzjoni tal-prodott, jiġifieri 'Pinot blanc', 'Pinot noir' jew 'Pinot gris' u l-ismijiet ekwivalenti bil-lingwi l-oħra tal-Komunità, jistgħu jiġu mibdula bis-sinonimu 'Pinot'.";

16. it-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 47(1) huwa mibdul b'dan li ġej:

"Tabelli u materjal ta' qabel l-ippakkjar li juru dettalji li kienu stampati skond id-dispożizzjonijiet applikabbli sad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament jisgħu jibqgħu jintużaw sal-15 ta' Marzu 2004.";

17. L-Anness II huwa mibdul bl-Anness I ta' dan ir-Regolament;

18. L-Anness III huwa mibdul bl-Anness II ta' dan ir-Regolament;

19. L-Anness III ta' dan ir-Regolament huwa miżjud bħala l-Anness IX.

L-Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Frar 2004.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fl-20 ta' Frar 2004.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

L-ANNESS II

"L-ANNESS III

Lista ta' varjetajiet ta' dwieli u s-sinonimi tagħhom li jinkludu indikazzjoni ġeografika (*) **u li jistgħu jidhru fuq l-ittikkettjar ta' nbejjed skond l-Artikolu 19(2)** (1)

	Isem tal-varjetà jew is-sinonimu tiegħu	Pajjiżi li jistgħu jużaw l-isem tal-varjetà jew wieħed mis-sinonimi tiegħu (2)
1	Agiorgitiko	**Il-Greċja** °
2	Aglianico	**L-Italja**°, **il-Greċja** °
3	Aglianicone	**L-Italja**°
4	Alicante Bouschet	**Il-Greċja** °, **l-Italja***°, **il-Portugall** °, **l-Alġerija** °, **it-Tuneżija** °, **l- Istati Uniti** ° *N.B.:* L-isem Alicante ma jistax jintuża waħdu biex jiddeskrivi nbid
5	Alicante Branco	**Il-Portugall**°
6	Alicante Henri Bouschet	**Franza** °, **is-Serbja u Montenegro** (8)
7	Alicante	**L-Italja** °
8	Alikant Buse	Is-Serbja u Montenegro (6)
9	Auxerrois	**L-Afrika t'Isfel** °, **l-Awstralja** °, **il-Kanada** °, **l-Isvizzera** °, **il- Belġju** °, **il-Ġermanja** °, **Franza** °, **il-Lussemburgu** °, **l-Olanda** °, **ir-Renju Unit** °
10	Banatski rizling	Is-Serbja u Montenegro (**Kreaca**) °
11	Barbera Bianca	**L-Italja** °
12	Barbera	**L-Afrika t'Isfel**°, **l-Arġentina**°, **l-Awstralja**°, **il-Kroazja**°, **Il-Messiku**°, **L-Islovenja**°, **l-Urugwaj**°, **l-Istati Uniti**°, **il- Greċja**°, **l-Italja**°
13	Barbera Sarda	**L-Italja** °
14	Blauburgunder	L-ex-Repubblika tal-Jugoslavja tal-Maċedonja (18-**28**-97), l-Awstrija (**15**-18), il-Kanada (18-97) (**Pinot noir**), iċ-Ċili (18-97) (**Pinot noir**), l-Italja (**Pinot nero** – 18-97)
15	Blauer Burgunder	**L-Awstrija** (14-18), Is-Serbja u Montenegro (**25**-97), L-Isvizzera (**Pinot noir**)
16	Blauer Frühburgunder	**Il-Ġermanja** (51)
17	Blauer Limberger	**Il-Ġermanja** (Lemberger) (19), ir-Rumanija (56)(64)
18	Blauer Spätburgunder	**Il-Ġermanja** (97), l-ex-Repubblika tal-Jugoslavja tal-Maċedonja (14-**28**-97), l-Awstrija (14-**15**), il-Bulgarija (96) (**Pinot noir**), il-Kanada (14-97) (**Pinot noir**), iċ-Ċili (14-97) (**Pinot noir**), ir-Rumanija (97) (**Pinot noir, Modri pinot**), l-Italja (14-97) (**Pinot nero**)
19	Blaufränkisch	Ir-Repubblika Ċeka ° (**50**), L-Awstrija °, Il-Ġermanja, L-Islovenja
20	Borba	**Spanja** °
21	Bosco	**L-Italja** °
22	Bragão	**Il-Portugall** °
23	Burgundac beli	**Is-Serbja u Montenegro** (121)
24	Burgundac Crni	Il-Kroazja° (**Pinot Crni**)

	Isem tal-varjetà jew is-sinonimu tiegħu	Pajjiżi li jistgħu jużaw l-isem tal-varjetà jew wieħed mis-sinonimi tiegħu (2)
25	Burgundac crni	**Is-Serbja u Montenegro** (15-99)
26	Burgundac sivi	Il-Kroazja° (**Pinot sivi**), **is-Serbja u Montenegro**
27	Burgundec bel	**L-ex-Repubblika tal-Jugoslavja tal-Maċedonja**°
28	Burgundec crn	**L-ex- Repubblika tal-Jugoslavja ta l-Maċedonja** (14-18-97)
29	Burgundec siv	**L-ex- Repubblika tal-Jugoslavja ta l-Maċedonja** °
30	Calabrese	**L-Italja** (75)
31	Campanário	**Il-Portugall** °
32	Canari	**L-Arġentina** °
33	Carignan Blanc	**Franza** °
34	Carignan	**L-Afrika t'Isfel**°, **l-Arġentina**°, **l-Awstralja** (36), iċ-Ċili (36), **il- Kroazja**°, **l-Iżrael**°, **il-Marokk**°, **New Zealand**°, **it-Tuneżija**°,**il- Greċja**°, **Franza**°, **il-Portugall** °
35	Carignan Noir	**Ċipru** °
36	Carignane	L-Awstralja (**34**), Iċ-Ċili (34), **il-Messiku**, **it-Turkija, l-Istati Uniti**
37	Carignano	**L-Italja** °
38	Chardonnay	**L-Afrika t'Isfel**°, **l-Arġentina** (79), **l-Awstralja** (79), **il-Bulgarija**°, **il-Kanada** (79), **l-Isvizzera**°, **iċ-Ċili** (79), **ir-Repubblika Ċeka**°, **il-Kroazja**°, **l-Ungerija** (39), **l-Indja**, **l-Iżrael**°, **il-Moldavja**°, **il-Messiku** (79), **New Zealand** (79), **ir-Rumanija**°, **ir-Russja**°, **San Marino**°, **l-Islovakkja**°, **l-Islovenja**°, **it-Tuneżija**°, **l-Istati Uniti** (79), **l-Urugwaj**°, is-Serbja u Montenegro (Sardone), **Zimbabwe**°, **il-Ġermanja**, **Franza**, **il- Greċja** (79), **l-Italja** (79), **il-Lussemburgu** (79), **l-Olanda** (79), **ir-Renju Unit**, **Spanja**, **il-Portugall**, **l-Awstrija**°, **il- Belġju** (79)
39	Chardonnay Blanc	L-ex-Repubblika tal-Jugoslavja tal-Maċedonja (**Sardone**), l-Ungerija (38)
40	Chardonnay Musqué	Il-Kanada
41	Chelva	Spanja
42	Corinto Nero	L-Italja
43	Cserszegi fűszeres	**L-Ungerija** °
44	Děvín	**Ir-Repubblika Ċeka** °
45	Dornfelder	**Il-Kanada**°, **il-Ġermanja**°, **l-Olanda**°, **ir-Renju Unit**°, **il-Belġju**°
46	Durasa	**L-Italja** °
47	Early Burgundy	**L-Istati Uniti** °
48	Fehér Burgundi, Burgundi	L-Ungerija (118) (**Pinot blanc**)
49	Findling	**Il-Ġermanja**°, ir-Renju Unit °

	Isem tal-varjetà jew is-sinonimu tiegħu	Pajjiżi li jistgħu jużaw l-isem tal-varjetà jew wieħed mis-sinonimi tiegħu (2)
50	Frankovka	**Ir-Repubblika Ċeka** ° (19)
51	Frühburgunder	Il-Ġermanja (16) **l-Olanda** °
52	Graciosa	Il-Portugall°
53	Grauburgunder	Il-Ġermanja (**Ruländer**-54), il-Bulgarija (**Pinot gris**), l-Ungerija
54	Grauer Burgunder	Il-Kanada, ir-Rumanija (53) (**Pinot gris**), il-Ġermanja (**Ruländer**-53), l-**Awstrija** (Pinot gris)
55	Grossburgunder	Ir-Rumanija (17) (63) (**Kekfrankos**)
56	Iona	**L-Istati Uniti** °
57	Izsáki	**L-Ungerija** °
58	Kanzler	**Ir-Renju Unit** °
59	Kardinal	**Il-Ġermanja**°, **il-Bulgarija** °
60	Kisburgundi kék	L-Ungerija (97) (**Pinot noir**)
61	Korinthiaki	Greeceo **Il-Greċja** °
62	Leira	**Il-Portugall** °
63	Limberger	Il-Kanada (**Lemberger**), **New Zealand** °, ir-Rumanija (17) (55) (**Kekfrankos**) **il- Belġju** °,
64	Limnio	Il-Greċja°
65	Maceratino	**L-Italja** °
66	Monemvasia	**Il-Greċja** (Monovasia)
67	Montepulciano	**L-Italja** °
68	Moslavac	Ir-Repubblika ta' l-ex-Jugoslavja tal-Maċedonja (70) (**Sipon**), **Is-Serbia u l-Montenegro** °
69	Mosler	L-Islovenja (**Šipon**)
70	Mozler	L-ex-Repubblika tal-Jugoslavja tal-Maċedonja (68) (**Sipon**)
71	Mouratón	**Spanja** °
72	Müller-Thurgau	**L-Afrika t'Isfel**°, **l-Awstrija**°, **il-Ġermanja** (Rivaner), **il-Kanada**, il-Kroazja° (**Rizvanac**), **l-Ungerija** °, is-Serbja u Montenegro° (**Rizvanac**), **ir-Repubblika Ċeka**°, **l-Islovakkja** °, l-Islovenja° (**Rizvanac**), **L-Isizzera** °, il-Lussemburgu° (**Rivaner**), **l-Olanda**°, **l-Italja** °, **il- Belġju** °, **Franza** °, **ir-Renju Unit** (Rivaner), **l-Awstralja** °, **il-Bulgarija**°, **l-Istati Uniti**°, **New Zealand**°, **il-Portugall**

	Isem tal-varjetà jew is-sinonimu tiegħu	Pajjiżi li jistgħu jużaw l-isem tal-varjetà jew wieħed mis-sinonimi tiegħu (2)
73	Muškát moravský	Ir-Repubblika Ċeka °, l-Islovakkja
74	Nagyburgundi	L-Ungerija (**Kekfrankos**) °
75	Nero d'Avola	L-Italja (30)
76	Olivella nera	**L-Italja** °
77	Orange Muscat	**L-Awstralja** °,**L-Istati Uniti** °
78	Pau Ferro	**Il-Portugall**
79	Pinot Chardonnay	L-Arġentina (**38**), l-Awstralja (**38**), il-Kanada (**38**), iċ-Ċili (**38**), il-Messiku (**38**), New Zealand (**38**), **l-Istati Uniti** (**38**), **it-Turkija**°, il-Belġju (**38**), il-Greċja (**38**), **Pays Bas**, l-Italja (**38**)
80	Portoghese	**L-Italja** °
81	Pozsonyi	**L-Ungerija** (82)
82	Pozsonyi Fehér	L-Ungerija (**81**)
83	Rajnai rizling	**L-Ungerija** (86)
84	Rajnski rizling	Is-Serbja u Montenegro (85-88-**91**)
85	Renski rizling	Is-Serbja u Montenegro (84-89-92), **l-Islovenja** °
86	Rheinriesling	Il-Bulgarija (**Nemkti riesling**)°, l-Awstrija (**Weißer Riesling**, Riesling), il-Ġermanja (88) (**Weißer Riesling**), l-Ungerija (**83**), ir-Repubblika Ċeka (94), l-Italja (88), il-Greċja (**Riesling**), il-Portugall
87	Rhine Riesling	L-Afrika t'Isfel (**Weißer riesling**)°, l-Awstralja (**Riesling**)°, iċ-Ċili (89) (Riesling), il-Moldavja° (**White riesling**), New Zealand° (**Riesling**)
88	Riesling renano	Il-Ġermanja (86) (**Weißer Riesling**) is-Serbja u Montenegro (84-86-**91**), **l-Italja** (86)
89	Riesling Renano	Iċ-Ċili (87) (**Riesling**)
90	Riminèse	**Franza** °
91	Rizling rajnski	**Is-Serbja u Montenegro** (84-85-88)
92	Rizling Rajnski	**L-ex-Republika tal-Jugoslavja tal-Maċedonja**°, **il-Kroazja**°
93	Ryzling rýnsky	**L-Islovakkja** °
94	Ryzlink rýnský	**Ir-Repubblika Ċeka** (86)
95	Santareno	**Il-Portugall** °
96	Sciaccarello	**Franza** °
97	Spätburgunder	L-ex-Republika tal-Jugoslavja tal-Maċedonja (14-18-**28**), is-Serbja u Montenegro (16-**25**), il-Bulgarija (19) (**Pinot noir**), il-Kanada (14-18) (**Pinot noir**), iċ-Ċili (**Pinot noir**-14-18), l-Ungerija (60) (**Pinot noir**), il-Moldavja (**Pinot noir**)°, ir-Rumanija (18) (**Pinot noir**), l-Italja (**Pinot nero**-14-18), ir-**Renju Unit**, il-Ġermanja (**18**)

	Isem tal-varjetà jew is-sinonimu tiegħu	Pajjiżi li jistgħu jużaw l-isem tal-varjetà jew wieħed mis-sinonimi tiegħu (2)
98	Štajerska Belina	Il-Kroazja (**Ranfol**), l-Islovenja (**Ranfol**) °
99	Subirat	Spanja° (**Malvasía Riojana**)
100	Terrantez do Pico	Il-Portugall °
101	Tintilla de Rota	Spanja °
102	Tinto de Pegões	Il-Portugall °
103	Tocai friulano	**L-Italja** (104) *NB:* L-isem 'Tocai friulano' jista' jintuża esklussivament għal inbid ta' kwalità psr oriġinati fir-reġjuni ta' Veneto u Friuli matul perjodu transitorju sal-31 ta' Marzu 2007.
104	Tocai Italico	L-Italja (**103**) *NB:* Is-sinonimu 'Tocai italico' jista' jintuża esklussivament għal inbid ta' kwalità psr oriġinat fir-reġjuni ta' Veneto u Friuli matul il-perjodu transitorju sal-31 ta' Marzu 2007.
105	Tokay Pinot gris	Franza (**Pinot gris**) *NB:* Is-sinonimu 'Tokay Pinot gris' jista' jintuża esklussivament għal inbejjed ta' kwalità psr oriġinati fid-dipartimenti ta' Bas-Rhin u Haut-Rhin matul il-perjodu transitorju sal-31 ta' Marzu 2007.
106	Torrontés riojano	**L-Arġentina** °
107	Trebbiano	L-Afrika t'Isfel (**Ugni blanc**)°, l-Arġentina (**Ugni blanc**)°, **l-Awstralja**°, **il-Kanada**°, Ċipru (**Ugni blanc**) °, **il-Kroazja**°, **l-Urugwaj**°, **l-Istati Uniti**, l-Iżrael (**Ugni blanc**), l-Italja
108	Trebbiano Giallo	**L-Italja** °
109	Trigueira	Il-Portugall
110	Verdea	**L-Italja** °
111	Verdeca	L-Italja
112	Verdelho	L-Afrika t'Isfel°, L-Arġentina, L-Awstralja, New Zealand, L-Istati Uniti, il-Portugall.
113	Verdelho Roxo	**Il-Portugall** °
114	Verdelho Tinto	**Il-Portugall** °
115	Verdello	**L-Italja** °
116	Verdese	**L-Italja** °
117	Verdejo	Spanja

	Isem tal-varjetà jew is-sinonimu tiegħu	Pajjiżi li jistgħu jużaw l-isem tal-varjetà jew wieħed mis-sinonimi tiegħu (2)
118	Weißburgunder	L-Afrika t'Isfel (120) (**Pinot blanc**) °, il-Kanada (**Pinot blanc**), iċ-Ċili (119) (**Pinot blanca**), l-Ungerija (48) (**Pinot blanc**), il-Ġermanja (**119**, 120), l-Awstrija (**119**), ir-Renju Unit°, l-Islovenja (119) (**Beli pinot**), l-Italja
119	Weißer Burgunder	**Il-Ġermanja** (118, 120), **l-Awstrija** (118) (Pinot blanc), iċ-Ċili (118) (**Pinot blanca**), **l-Isvizzera** (**Pinot blanc**) °, l-Islovenja (118) (**Beli pinot**), l-Italja
120	Weissburgunder	L-Afrika t'Isfel (118), il-Ġermanja (118, **119**), ir-Renju Unit, l-Italja
121	Weisser Burgunder	Is-Serbia u Montenegro (**23**)

(*) Tifsira:

— termini fil-parentesi:: referenza għas-sinonimu għall-varjetà

— '0': bla sinonimu

— termini bit-tipa grassa:: kolonna 2: isem ta' varjetà tad-dwieli

kolonna 3: pajjiż fejn l-isem jikkorrispondi ma' varjetà u referenza għall-varjetà.

— termini bit-tipa grassa:: kolonna 2: isem tas-sinonimu ta' varjetà tad-dwieli

kolonna 3: isem ta' pajjiż li juża s-sinonimu ta' varjetà tad-dwieli.

(1) Dawn l-ismijiet tal-verjetà u s-sinonimi tagħhom jikkorrispondu, b'mod sħiħ jew parzjalment, jew fit-traduzzjoni jew fil-forma ta' aġġettiv, ma' indikazzjonijiet ġeografiċi biex jiddeskrivu nbid.

(2) Għall-istati konċernati, id-derogi msemmija f'dan l-Anness huma awtorizzati biss fil-każ ta' nbid li juri indikazzjoni ġeografika magħmula f'unitajiet amministrattivi li fihom il-produzzjoni tal-varjetajiet konċernati hija awtorizzata fiż-żmien li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ u skond il-kondizzjonijiet stabbiliti mill-istati konċernati għall-produzzjoni u l-presentazzjoni ta' dawk l-inbejjed."

L-ANNESS II

"L-ANNESS III

Lista ta' termini tradizzjonali msemmija fl-Artikolu 24

Terminu tradizzjonali	Nbejjed konċernati	Kategoriji tal-prodotti	Lingwa	Data miżjuda ma' l-Anness III [1]	Pajjiż terz konċernat
IL-ĠERMANJA					
Termini tradizzjonali speċifiċi msemmija fl-Artikolu 29					
Qualitätswein	Kollha	Nbid ta' kwalità psr	Ġermaniż		
Qualitätswein garantierten Ursprungs/ Q.g.U	Kollha	Nbid ta' kwalità psr	Ġermaniż		
Qualitätswein mit Prädikat/Q.b.A.m.Pr ou Prädikatswein	Kollha	Nbid ta' kwalità psr	Ġermaniż		
Qualitätsschaumwein garantierten Ursprungs/Q.g.U	Kollha	Nbid ifexfex ta' kwalità psr	Ġermaniż		
Auslese	Kollha	Nbid ta' kwalità psr	Ġermaniż		L-Isvizzera
Beerenauslese	Kollha	Nbid ta' kwalità psr	Ġermaniż		
Eiswein	Kollha	Nbid ta' kwalità psr	Ġermaniż		
Kabinett	Kollha	Nbid ta' kwalità psr	Ġermaniż		
Spätlese	Kollha	Nbid ta' kwalità psr	Ġermaniż		L-Isvizzera
Trockenbeerenauslese	Kollha	Nbid ta' kwalità psr	Ġermaniż		
Termini msemmija fl-Artikolu 28					
Landwein	Kollha	Nbid tal-mejda bil-GI			
Termini tradizzjonali addizzjonali					
Affentaler	Altschweier, Bühl, Eisental, Neusatz/Bühl, Bühlertal, Neuweier/Baden-Baden	Nbid ta' kwalità psr	Ġermaniż		
Badisch Rotgold	Baden	Nbid ta' kwalità psr	Ġermaniż		
Ehrentrudis	Baden	Nbid ta' kwalità psr	Ġermaniż		
